MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 748/2009

**Vodafone Malta Limited bin-numru tar- registrazzjoni C-10865**

**vs**

**Genesis XT Limited gia maghrufa bhala Exodus Global Limited bin-numru tar-registrazzjoni C-38706**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors mahluf imressaq bil-procedura sommarja specjali fit-30 ta' Lulju 2009 li bih is-socjeta' rikorrenti, ghar-ragunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti :

1. Tiddispensa s-smigh tal-kawza a tenur tal-Artiklu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' sebgha u ghoxrin elf mija wiehed u erbghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€27,141.25) oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija sad-data tal-pagament effettiv.

**Rat** illi l-atti tar-rikors gew debitament notifikati lill-kumpannija ntimata skond il-ligi ;

**Rat** illi l-kumpannija intimata naqset li tidher ghall-udjenza tal-15 ta' Ottubru 2009 meta ssejhet il-kawza wara d-9.30 a.m. u b'hekk baqghet kontumaci ;

**Ezaminat** l-atti tar-rikors ;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirrizultaw ippruvati ;

Fil-kontumacja tal-kumpannija ntimata, tiddeciedi billi –

**Tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta' rikorrenti u taqta' l-kawza minghajr is-smigh ;**

**Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha u ghoxrin elf mija wiehed u erbghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€27,141.25) bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' rikorrenti lis-socjeta' intimata, bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'effett mit-30 ta' Lulju 2009 (data tal-presentata tar-rikors mahluf) sad-data tal-hlas effettiv ;**

**Tikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex thallas l-ispejjes kollha tal-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------